# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 206/2009 MH**

**Illum, 14 ta' Gunju, 2019**

**Philip Grima**

**Vs**

**Knightsbridge Developments Limited**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] tal-atturi li gie prezentat fit-3 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu esponew:

1. *"Illi l-attur huwa proprjetarju ta' "Villa de Rohan" Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar, u ta bicca art kontigwa li tinkludi fiha appartament u xi garaxxijiet;*

2. *Illi fil-kors ta' xogholijiet li wettqu fis-sit adjacent tal-atturi l-eccipjenti ikkagjonaw hsarat ingenti lill-proprjeta tal-istess atturi u inoltre holqu perikolu fis-sens li l-bini kollu ezistenti fuq is-sit tal-atturi u li jigu faccata*

[1] Folio 1

*fuq Xemxija Hill iccaqlaq fid-direzzjoni tal-izvilupp il-gdid b'mod li illum jinsab fil-perikolu li jaqa'. Illi l-uniku mod li hemm sabiex jitnehha l-perikolu huwa li jigi demolit il-bini kollu in kwistjoni. Ghandu jinghad ukoll illi sar caqliq konsiderevoli ta' materjal fil-bqija tal-art tal-atturi u li gej mill-fatt li il-konvenuti wettqu xogholijiet konsistenti fi thaffir gewwa l-art tal-atturi dan kif ser jirrizulta aktar dettaljatament waqt is-smieh tal-kawza;*

3. *Illi inoltre fil-kors tal-kostruzzjoni mwettqa mill-atturi l-eccipjenti bnew strutturi u pedamenti fil-proprjeta tal-atturi li huma ta' hsara ghall-istess atturi u dan kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt il-kors tal-kawza;*

4. *Illi interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni minnhom kkagionati l-eccipjenti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Jghidu l-eccipjenti ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi:*

1. *Tiddikjara li fil-kors ta' xogholijiet li wettqu fis-sit adjacent tal-atturi l-eccipjenti ikkagjonaw hsarat ingenti lill-proprjeta tal-istess atturi;*
2. *Tiddikjara li fil-kors tal-kostruzzjoni mwettqa mill-atturi l-eccipjenti bnew strutturi u pedamenti fil-proprjeta tal-atturi li huma ta' hsara ghall-istess atturi;*
3. *Tillikwida d-danni kkagjonati;*
4. *Tordna l-hlas tad-danni likwidati bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll kull xoghol rimedjali mehtieg sabiex l-art tal-atturi tigi rintegrata skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez*

*L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni fil-persuni tar-rappresentanti gudizzjarji taghhom."*

Rat **ir-risposta guramentata**[2] tas-socjeta' Knightsbridge Developments Limited li giet prezentata fis-7 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha esponew:

*"1. Illi l-azzjoni ghad-danni hija manifestament u abbondantament preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 stante li mid-dokumenti pprezentati minn Philip Grima, w senjatament minn rapport tad-defunt perit arkitett Huntingford, jidher car li l-fond de quo kien sofra xi danni, allegatament responsabbli ghalihom terzi, fis-snin disghin u kwindi fi zmien meta s-socjeta' eccipjenti la kienet tezisti u lanqas biss kienet akkwistat l-art adjacenti ghall-fond ta' Philip Grima.*

*2. Illi kwindi s-socjeta' eccipjenti mhiex il-legittimu kuntradittur in kwantu ghall-pretiza ghal-likwidazzjoni w hlas ghad-danni, stante li d-danni allegatament sofferti minn Philip Grima gew ikkagunati lilu minn terzi ex admissis mir-rapport tal-perit tieghu stess.*

*3. Illi in kwantu ghall-pretiza ta' Philip Grima li s-socjeta' eccipjenti invadiet xi parti mill-proprjeta' tieghu fil-kors tal-kostruzzjoni fis-sit proprjeta' taghha adjacenti ghal tieghu dan huwa kategorikament michud mis-socjeta' eccipjenti li bniet fil-limiti tal-proprjeta' taghha.*

[2] Folio 64

*4. Illi f' kull kaz Philip Grima irid igib il-provi kollha inkonfutabbli li huwa l-proprjetarju assolut u esklussiv ta' dik il-parti tal-proprjeta' li huwa qieghed jivvanta l-pretensjonijiet patrimonjali tieghu u din il-prova tinkombi unikament fuqu.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**